# Il-Qniepen tal-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu

Minn Walter Camilleri

1. Meta ddeċidejt li nikteb dan l-artiklu; u billi kont dħalt f'bosta dettalji kif soltu nagħmel; u billi ma ridtx inħalli barra r-RIFERENZI tant bżonnjużi għal fini ta' riċerka storika dokumentata, dan l-artiklu kien ġieni twil wisq. Kważi d-doppju ta' dan.

2. Indunajt li l-kappillan tagħna ma kienx se jaċċettah, billi Programm tal-Festa hu ktejjeb limitat jekk ma jkunx sostnut mir-riklami.

3. Għalhekk iddeċidejt li dan l-artiklu twil inċekknu kemm nista' biex kulħadd ikun kuntent u bla ma nħalli s-sustanza barra billi għandna fatti li ma jaf bihom kważi ħadd!

4. Mill-oriġinal artiklu se nieħu biss puntini ta' mportanza.

**DUN FORTUNAT VALLETTA**

5. Il-ġrajja tal-qniepen tal-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu hi waħda xejn sabiħa u sforunata fl-istess ħin sa minn waqt il-bini tal-istess knisja (1869-1875).

6. Minħabba l-bini tal-istess knisja, kien inħoloq bosta ġbir għal bosta skopijiet u minn diversi ġabbara li mhux bilfors li kienu prokuraturi jew awtorizzati li jiġbru l-flus!

7. Il-qniepen tal-knisja ma kenux suġġett ta' mportanza fl-ewwel filliera, għalkemm għad għandhom l-importanza tagħhom, biex il-poplu jinġabar f'ċerti ħinijiet, biex javżaw l-imwiet tal-parruċċani u biex isejħu għall-quddies u ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi u liturġiċ i.

8. Dun Fortunat Valletta (DFV) minn Birkirkara kien ikun spiss għand żijuh Dwardu, li kien residenti f'Via San Giuseppe (VSG) il-Ħamrun. Dan il-qassis kien fuq tiegħu, puntuljuż u polemikuż ukoll. Imma s-Sagramenti kien jamministrahom f'kull ħin, f'kull temp u b'devozzjoni.

9. Fis-sena 1858, L-Isqof Gejtanu Pace Forno (OSA) kien għamel Visita Pastorali f'Birkirkara. F'mument minnhom kien żar uffiċjalment lill-Kappella Privata, mill-Fondazzjoni u Benefiċċju: *'BVM del Porto Salvo', della Signora Margherita Agius nee'Grech (DUCOS) dell Anno 1745'*, magħrufa bħala 'Il-Knisja ta' SANTUNNUZZU'! **(1)**

10. Parrokkjalment, din il-Kappella Privata kienet tinsab fil-limiti tal-parroċċa ta' Birkirkara, imma l-Propostu u l-Kapitlu ta' Birkirkara ma kellhomx ġurisdizzjoni fuq din il-Kappella Privata, għalkemm ir-Rettur Propju ta' din il-Kappella kien iqaddes fiha għall-pubbliku kull nhar ta' Ħadd u fil-festi kmandati!

L-ispejjeż ta' din il-faċċata qed ikunu sponsorjati minn
**Francis Ellul**
660, High Street, Ħamrun - Tel: 21242762/3
170, Old Bakery Street, Valletta - Tel:21237099
Email: fje@vol.net.mt

11. L-Isqof Gejtanu Pace Forno (1858) kien irranġa mal-eredi – sidien tal-imsemmija kappella, kif ukoll mar-Rettur ta' din il-kappella (Ġuspatronat Lajkali), li kien Dun Salv (konti) Manduca Piscopo Macedonia Cassia, aktar tard *'Protonatario Apostolico'* u Monsinjur tal-Katidral ta' Malta, biex din il-kappella privata tiġi mislufa lill-Knisja – Kurja, biex minnha jibda jservi pastoralment Dun Fortunat Valletta għan-nies tal-inħawi ta' VSG tant 'il bogħod mill-parroċċi rispettivi tagħhom!

12. B'dan il-mod, din il-Kappella Privata mislufa lill-Knisja – Kurja, kienet saret **Knisja Viċ endarja** u Dun Fortunat **VIĊENDARJU**, imma **qatt** ma kienet saret (din il-knisja) VIĊI PARROĊĊA, la ta' Birkirkara u wisq iżjed ta' Ħal Qormi jew tal-Floriana, Minn din il-biċċa ġrajja din il-kappella kienet saret knisja!

## NOFS XOGĦOL

13. Il-Knisja ta' San Gejtanu bdiet tiela b'ħafna skossi. Il-problemi bdew ifaqqsu sal-punt, li l-perit-arkitett tal-knisja ta' San Gejtanu – Giorgio Schinas 1834 – 1894, meta l-knisja laħqet ġiet imsaqqfa u bdew tielgħin il-kampnari (1883 – 1886), dan l-arkitett sfratta jew sfrattawh bla ħadd ma jaf b'ċ ertezza b'kien ġara!

14. Dun Fortunat Valletta kien il-*'fac totum'* fost il-poplu fqir ta' VSG u wisq iżjed fil-bini tal-proġett enormi tal-knisja ta' San Gejtanu. B'danakollu, madwar DFV kien hemm numru ta' nies li kienu *'qed jiġbru l-flus'* għal bosta skopijiet u sadattant, ħadd ma jissorvelja 'l ħadd!

15. Malli telaq i-perit Giorgio Schinas u abbanduna l-ħolma tiegħu, u billi kien persunaġġ sfortunat anki f'affarijiet oħrajn; il-knisja ta' San Gejtanu kienet tħalliet bla koppla; kor; zuntier propju; sagristiji adegwati; nofs kampnari; dar parrokkjali (*Canonica)*, qniepen eċċ .

16. Il-Knisja ta' San Gejtanu kienet ġiet inawgurata fit-12 ta' Lulju 1875. DVF, apparti kull xorta ta' ġbir, kien ħaseb biex jixtri żewġ qniepen ta' madwar metru għoli, għal żmien proviżorju mingħand il-Kappillan ġdid ta' Ħal Kirkop, Dun Ġużepp Barbara qrib is-sena 1876 **(2).** Dawn iż-żewġ qniepen nibqgħu ngħidulhom *'iż-żgħar'*, li meta kien sar l-Arloġġ tal-knisja (c.1892) kienu mpenjaw ruħhom ma' dan l-istess arloġġ bit-TOKKI tagħhom kull kwarta.

## META WAQGĦET IL-QANPIENA

17. DFV kien aktar ambizzjuż milli naħsbu u ta' rasu wkoll. Mela dan ma xtarax qanpiena ta' ċertu valur minn Genova l-Italja u bla ma kien jaf ħadd ħlief l-erbagħa ta' madwaru! Qed ngħid dan, għax dwar din il-qanpiena sfortunata, mill-kurja ma kienu ħarġu l-ebda digrieti, u/jew, xi forma ta' approvazzjoni għaliha! Barra dan, fl-arkivju parrokkjali ta' San Gejtanu, dwar din il-qampiena ma sibna xejn lanqas!

18.Il-waħdieni sors ta' riferenza ġej minn Reġistru fil-Kurja f'Arkivju mwarrab fit-Taqsima Finanżi magħruf bħala **ARKIVJU QUITTANZI.** Din il-qampiena kienet inxtrat meta ma kienx għad kellna kampnari, għas-somma ta' 622 skud 6 tari u 12-il grana: *'....per prezzo di una campana portata da Genova per uso di detta chiesa di San Gaetano'.* **(3)**

19. Dawn il-flus kienu tħallsu lil Emanuele Scicluna: *'pari a 112 Lire Sterline' (12/5/1876)!* **(4)** Apparti din is-somma kienu intefqu 30 skud oħra biex il-qanpiena inġarret mix-xatt sal-knisja ta' San Gejtanu fuq karettun tal-ġarr tal-ġebel u għal xi xogħol ieħor ta' imbragar minn fuq il-parapett-żuntier sal-bejt tal-knisja:

20.*'16/06/1876, pagati al capo facchino Salvatore Hili per 'vari trasporti della campana e collocamento della stessa sul campanile – 30 scudi'.* **(5)** Spejjes oħrajn kienu għall-armar biex jittellgħu l-qniepen kollha fuq il-bejt tal-knsija u xogħol ieħor relatat:

21. *'15/03/1875, pagati al maestro Carmelo Sammut (muratore) lastricato fatto nella navata della chiesa, e per aver coperto con embrici le due aperture dei campanili e fatti 4 pilastri per appendervi le campane, 226 Scudi… piu (altre) 30 Scudi'.* **(6).**

22. Meta kien wasal il-jum biex jittellgħu l-qniepen fuq il-bejt tal-Knisja, miġbud bil-ħbula mill-'*Għalqa tal-Luctu' =Luċ ido` Ellul).* fl-iskontru, hi u tiela' imbragata, din il-qanpiena waqgħet għal isfel bl-armar b'kollox. Imma mhux minn ħafna għoli għal fuq iz-zuntier – parapett!. B'danakollu kienet inkisret u kienet għamlet ħafna ħsara fuq il-parapett-zuntier bil-ballavostri, u kif mistenni saru xi spejjes ukoll! (Mejju-Ġunju 1876).

23. '*Spese pagati per ricostruzione di una parte della suddetta ballavustre, essendo caduto colla campana (di Genova) e rinnovazione di macerie davanti la chiesa, 22 Scudi, 5 Tari e 7 grani'* u spejjes oħrajn. **(7)**

24. Dwar din il-qanpiena '*Ta Ġenova'* bqajna ma nafux l-istorja tagħha kollha, bħal ngħidu aħna: x'kien jisimha; x'dekorazzjonijiet u kitba kellha fuqha; x'kienu n-negozjati; ma' liema ditta – funderija kien sar il-ftehim u x'tonalita' kellha! Milli jidher ma kien weġġa' ħadd. Billi t-tlugħ tal-qniepen għal fuq il-bejt tal-knisja ma kienx sar b'xi ċerimonja speċjali, dan l-inċident lanqas il-gazzetti ma kienu rrappurtawh! Qisu ma kien ġara xejn!

25. X'kien ġara mill-qanpiena 'Ta' Ġenova" imkissra kif kienet, ma nafux bl-eżatt. Nafu biss li l-knisja ta' San Gejtanu kienet biegħet (1882-1885) qanpiena għas-somma ta' 144 Skud, li ma nafux jekk setgħetx kienet xi qanpiena oħra li qatt ma ssemmiet, li konna forsi ddubbajna! '*Introito, dalla vendita di una campana, scudi 144'.* **(8).**

26. Ġulju Cauchi ta' Bormla (1829-1904), il-famuż funditur u espert tal-qniepen Maltin, aktar milli kien jixtri u jħallas bi flus kontanti, kien inaqqas mill-prezz **JEKK** tixtri u taħdem xi qanpiena jew aktar minn għandu! Ġulju Cauchi ma kienx idejjen!

**RIFERENZI**

1. Il-Kurja tal-Arċisqof: Taqsima Finanzi – Arkivju 'QUITTANZI', Veneranda Lampade (VL) Ħamrun; Vol.1876 (1858-1876) No 57. Is-sena 1858 hi l-bażi.
'QUITTANZI': Verifika u Reviżjoni tal-Kotba ta' kull entita' tal-Knisja minn Uffiċ jal tal-Kurja.

2. Arkivju 'Quittanzi' (VL) Ħamrun; Vol 1892; No1; fol 2. (350 skud) 01/08/1882 – 31/01/1885).

3. Ibid. Beneficio 'Ta' Verdica' u 'Ta' Siġra' Vol 1878; No 19, fol 3. (29/05/1875 – 10/02/1878).

4. Arkivju Parrokkjali San Gejtanu, il-Ħamrun (AP/SG: ' I Primi Conti' Fol. 11A.

5. Arkivju 'Quittanzi' 'Ta' Verdica' (op.cit) fol 3. u Ibid. AP/SG (op.cit.) Fol 11 A.

6. Ibid.fol. 4 (Ta' Verdica ) (226 skud) u Ibid. fol. 10A (AP/SG)

7. Ibid. fol. 4 (Ta' Verdica) (kważi 23 skud) u Ibid fol. 11 A (AP/SG) (kważi 6 skudi) (7/6/1876.

8. Ibid. Ara riferenza 2 ta' hawn fuq fol. 1 (144 skud).

**Nota: Dan l-artiklu se jkompli fil-programm tal-festa tas-sena li ġejja.*